



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16327/23

ENFOPOL 529
CRIMORG 203
COSI 241
JAI 1611

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	4 ta' Diċembru 2023
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	15327/23
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-triq 'il quddiem għall-prevenzjoni tal-kriminalità fl-Ewropa – Konklużjonijiet tal-Kunsill (4 ta' Diċembru 2023)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-triq 'il quddiem għall-prevenzjoni tal-kriminalità fl-Ewropa, approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fit-3992 laqgħa tiegħu li saret fl-4 ta' Diċembru 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-triq 'il quddiem għall-prevenzjoni tal-kriminalità fl-Ewropa

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

KONXJU li l-kriminalità organizzata hija theddida sinifikanti għaċ-ċittadini, in-negozji u l-istituzzjonijiet tal-istat Ewropej, kif ukoll għall-ekonomija kollha kemm hi u teħtiegħ rispons min-naħa tal-UE;

FILWAQT LI JINNOTA li l-imġiba antisoċjali tista' tkun il-bidu ta' mġiba kriminali u l-kriminalità komuni jista' jkollha rabta diretta mal-kriminalità organizzata;

FILWAQT LI JENFASIZZA li kwalunkwe rispons għall-kriminalità għandu jadotta approċċ olistiku u l-prevenzjoni tal-kriminalità hija parti integrali minn dan;

KONXJU li n-Network Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità (EUCPN) jiddefinixxi l-prevenzjoni tal-kriminalità bħala "attivitajiet etikament aċċettabbli u bbażati fuq l-evidenza mmirati biex inaqqsu r-riskju li sseħħ il-kriminalità u l-konsegwenzi dannużi tagħha bl-għan aħħari li ssir ħidma lejn it-titjib tal-kwalità tal-ħajja u s-sikurezza tal-individwi, il-gruppi u l-komunitajiet";

FILWAQT LI JINNOTA li l-prevenzjoni diġà hija parti integrali mill-politika tal-UE f'għadd ta' oqsma ta' politika speċifiċi bħall-kriminalità organizzata, iċ-ċiberkriminalità, il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni, il-kriminalità ambjentali, id-drogi, it-traffikar ta' bnedmin, l-abbuż sesswali tat-tfal, il-vjolenza domestika u l-armi tan-nar;

KONXJU li l-Istati Membri jvarjaw fir-rigward tal-mudelli preventivi applikati fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali u li l-artikolu 84 TFUE jippermetti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jistabbilixxu miżuri biex jippromwovu u jappoġġaw l-azzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istati Membri;

FILWAQT LI JIRREFERI għall-Komunikazzjoni tal-2004 "Il-Prevenzjoni tal-Kriminalità fl-Unjoni Ewropea"¹, li tenfasizza r-rwol ewlieni li jaqdu l-awtoritajiet reġjonali u lokali (idealment appoġġati mill-awtoritajiet nazzjonali) fil-prevenzjoni tal-kriminalità, kif ukoll l-importanza tal-kooperazzjoni fil-livell tal-UE biex tiffaċilita u tagħti appoġġ rilevanti għal din il-għieda minkejja l-politiki nazzjonali tal-Istati Membri;

FILWAQT LI JQIS il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2016 dwar l-approċċ amministrattiv għall-prevenzjoni u l-għieda kontra l-kriminalità serja u organizzata², li jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġi żviluppata u mtejjeb l-approċċ amministrattiv għall-prevenzjoni u l-għieda kontra l-kriminalità, b'mod partikolari l-kriminalità serja u organizzata, li jistabbilixxu serje ta' azzjonijiet li għandhom jiġu żviluppati aktar mill-Istati Membri, l-aġenziji tal-UE u l-Kummissjoni u jenfasizzaw il-ħtieġa għal kooperazzjoni bejn in-Network Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità (EUCPN) u n-Network Ewropew dwar l-Approċċ Amministrattiv (ENAA).

FILWAQT LI JIRREFERI għall-Programm ta' Stokkolma tal-2009 (Kunsill Ewropew tal-2010), li jenfasizza li l-miżuri preventivi l-aktar effiċjenti huma dawk li jimmiraw imġiba li tiġġenera sentimenti ta' nuqqas ta' sigurtà, jenfasizza li ċ-ċittadini tal-UE "għandhom esperjenzi simili u huma milqutin b'mod simili mill-kriminalità u n-nuqqas ta' sigurtà relatata fil-ħajja ta' kuljum tagħhom." (4.3.2), u jirrikonoxxi r-rabtiet li qed jikbru bejn il-kriminalità lokali u forom aktar serji ta' kriminalità tranżnazzjonali;³

FILWAQT LI JENFASIZZA li l-Programm ta' Stokkolma jistabbilixxi l-ħolqien ta' Osservatorju għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità (OPC) li għandu jinkludi jew jissostitwixxi l-EUCPN, bil-kompitu (fost l-oħrajn) li jappoġġa lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-proċess tal-adozzjoni ta' miżuri preventivi u l-iskambju tal-aħjar prattiki filwaqt li jittieħed kont tal-konklużjonijiet mill-evalwazzjoni tal-Kummissjoni fl-2012⁴;

¹ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew "Il-prevenzjoni tal-kriminalità fl-Unjoni Ewropea". (COM (2004) 165 final).

² 9935/16, 9 ta' Ġunju 2016

³ 2010/C 115/01

⁴ COM (2012) 717 final.

FILWAQT LI JIRREFERI għad-Dikjarazzjoni ta' Kjoto (2021)⁵ tal-UNODC dwar l-avvanz tal-prevenzjoni tal-kriminalità, tal-ġustizzja kriminali u tal-istat tad-dritt, li tenfasizza l-importanza li jiġu żviluppati, implimentati u evalwati strateġiji ta' prevenzjoni tal-kriminalità, inkluż l-effettività tagħhom, li jindirizzaw il-kawżi, inkluż il-kawżi ewlenin, u l-fatturi ta' riskju li jagħmlu segmenti differenti tas-soċjetà aktar vulnerabbli għall-kriminalità, u jikkondividu l-aħjar prattiki biex insaħħu l-kapaċità tagħna; l-istabbiliment ta' awtorità ċentrali permanenti fil-livell governattiv responsabbli għall-implimentazzjoni ta' politiki ta' prevenzjoni tal-kriminalità, kif ukoll l-iffurmar ta' sħubiji bejn l-aġenziji u l-koordinazzjoni ta' attivitajiet fil-livell lokali permezz ta' pjan ta' azzjoni;

FILWAQT LI JQIS il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar Strateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà (2020-2025),⁶ li tistabbilixxi approċċ għas-sigurtà li jinkludi s-soċjetà kollha kemm hi u li jista' jirreaġixxi b'mod effettiv għal xenarju ta' theddid li qed jinbidel malajr b'mod koordinat, sabiex jiġi indirizzati r-riskji diġitali u fiżiċi b'mod integrat fl-ekosistema kollha tal-Unjoni tas-Sigurtà;

FILWAQT LI JINNOTA li, fl-Istrateġija dwar il-Kriminalità Organizzata⁷, il-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb l-iskambju tal-għarfien u l-aħjar prattiki dwar il-prevenzjoni tal-kriminalità permezz tan-Network Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità;

FILWAQT LI JINNOTA li, skont l-oġettivi tal-Istrateġija Pluriennali tal-EUCPN 2021-2025⁸, ir-rwol tan-network mhuwiex ristrett għall-iskambju ta' informazzjoni iżda jinkludi wkoll il-ħolqien u l-appoġġ ta' azzjonijiet effettivi fil-livell lokali, nazzjonali u tal-UE fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità;

⁵ L-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità, Mejju 2021, id-Dikjarazzjoni ta' Kjoto dwar l-avvanz tal-prevenzjoni tal-kriminalità, tal-ġustizzja kriminali u tal-istat tad-dritt: lejn il-ksib tal-Aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli

⁶ COM (2020) 605 final.

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-Kriminalità Organizzata 2021-2025, COM/2021/170 final.

⁸ L-istrateġija Pluriennali tal-EUCPN 2021-2025, adottata fit-2 ta' Diċembru 2020.

FILWAQT LI JQIS ir-rakkomandazzjonijiet u l-konklużjonijiet tar-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-2023 tan-Network Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità (EUCPN)⁹, li jqis li huwa ta' importanza kbira li jsir investiment f'politiki u għodod għall-prevenzjoni tal-kriminalità u li l-EUCPN jipprovdi valur miżjud tal-UE peress li joffri aċċess għal għarfien dwar il-prevenzjoni tal-kriminalità lil dawk li jfasslu l-politika u lill-prattikanti madwar l-UE u jiffaċilita l-iskambji tal-aħjar prattiki bejn dawk li jfasslu l-politika u l-prattikanti minn Stati Membri differenti tal-UE;

FILWAQT LI JINNOTA li l-evalwazzjoni wriet li hemm diversi fatturi li jipprevjenu lin-Network milli jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu, b'mod partikolari n-nuqqas min-naħa tal-membri tiegħu li jikkomunikaw ma' dawk li jfasslu l-politika u mal-prattikanti, prinċipalment fil-livell lokali, gwida u appoġġ immirati biżżejjed li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-partijiet ikkonċernati rilevanti u n-nuqqas ta' sinerġiji bejn l-attivitajiet tan-Network u inizjattivi preventivi oħra fil-livell tal-UE.

FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-valur miżjud li jista' jiġi pprovdut mill-Għanijiet Strateġiċi Orizzontali Komuni dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni operazzjonali tal-2022 Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT);¹⁰ b'mod partikolari, l-Għan Strateġiku Orizzontali Komuni (CHSG) 7, "Il-prevenzjoni, is-sensibilizzazzjoni u t-tnaqqis tal-ħsara, l-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi u l-assistenza għalihom," ikkoordinat mill-EUCPN, u l-Għan Strateġiku Orizzontali Komuni (CHSG) 9, "Approċċ Amministrattiv", ikkoordinat mill-ENAA bħala "mod komplementari għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-użu ħażin tal-infrastruttura legali permezz ta' kooperazzjoni bejn diversi aġenziji permezz tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni u t-teħid ta' azzjonijiet sabiex jiġu stabbiliti ostakli"¹¹ sabiex jiġi evitat li din l-infrastruttura legali tintuża mill-kriminali

FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa li tkompli tittejjeb u tiġi formalizzata l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-UE u dawk nazzjonali sabiex tiġi evitata u miġġielda l-kriminalità organizzata, minbarra l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja diġà fis-seħħ bejn l-Istati Membri;

JIKKONKLUDI LI HEMM BŻONN LI JISSAĦĦAĦ IL-FUNZJONAMENT INTERN TAN-NETWORK EWROPEW GĦALL-PREVENZJONI TAL-KRIMINALITÀ U LI TITTEJJEBAKTAR IL-PREVENZJONI TAL-KRIMINALITÀ FIL-LIVELL LOKALI, REĠJONALI, NAZZJONALI U EWROPEW.

⁹ SWD (2023) 202 final.

¹⁰ 14378/22 Brussell, 7 ta' Novembru 2022.

¹¹ Definizzjoni maqbula mill-ENAA fit-8 ta' Novembru 2019.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

1. Jagħmlu l-aħjar użu min-Network Ewropew dwar l-Approċċ Amministrattiv (ENAA) u n-Network Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità (EUCPN) u jtejbu l-kooperazzjoni b'parteċipazzjoni attiva fihom, filwaqt li jsaħħu r-rwol tar-Rappreżentanti Nazzjonali u l-punti ta' kuntatt biex jikkontribwixxu għall-oġettiv ġenerali tal-EUCPN f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/902/ĠAI¹²;
2. Jeżaminaw l-iżvilupp jew l-aġġornament ta' strateġiji nazzjonali għall-prevenzjoni tal-kriminalità jew dokumenti relatati, sabiex tissaħħaħ u tiġi żviluppata l-ħidma ta' prevenzjoni tal-kriminalità fis-soċjetà kollha, mhux biss fis-sistema ġudizzjarja iżda wkoll fost l-atturi l-oħra involuti biex jiġi żgurat approċċ multidixxiplinari u involviment ta' diversi partijiet ikkonċernati filwaqt li jiġu inklużi aspetti rilevanti tal-approċċ amministrattiv;
3. Iwettqu ħidma speċifika u speċjalizzata fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità, sabiex:
 - a) Jissorveljaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji speċifiċi għall-prevenzjoni tal-kriminalità u jikkoordinaw l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati nazzjonali, reġjonali u lokali rilevanti kif ukoll tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi f'dan il-qasam;
 - b) Jappoġġaw u jiżviluppaw attivitajiet ta' prevenzjoni tal-kriminalità fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq l-evidenza;
 - c) Jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni u l-kollaborazzjoni ta' universitajiet, entitajiet jew istituzzjonijiet pubbliċi u privati u personalitajiet akkademiċi ewlenin fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' attivitajiet u funzjonijiet preventivi;

¹² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/902/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 li tistabbilixxi Network Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità (EUCPN) u li tħassar id-Deċiżjoni 2001/427/ĠAI, ĠU L 321, 8.12.2009, p. 44–46; ara b'mod partikolari l-Artikolu 6 (5) li jgħid li "*Ir-rappreżentanti nazzjonali għandhom jippromwovu l-attivitajiet tan-Network fil-livell nazzjonali u lokali u jiffaċilitaw, bejn l-Istat Membru tagħhom u n-Network, il-forniment, is-sosteniment u l-iskambju ta' materjal dwar il-prevenzjoni tal-kriminalità.*" U l-Artikolu 6 (6) li jgħid "*Il-punti ta' kuntatt għandhom jappoġġaw lir-rappreżentanti nazzjonali fl-iskambju ta' informazzjoni u kompetenza esperta nazzjonali dwar il-prevenzjoni tal-kriminalità fin-Network.*"

- d) Isaħħu l-funzjonijiet tal-punti fokali fir-rigward tal-attivitajiet ta' networks u fora differenti bħall-EUCPN, l-ENAA, il-Kunsilli Nazzjonali għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità u f'fora oħra,¹³ sabiex tissaħħaħ il-koordinazzjoni ta' networks ta' esperti f'dan il-qasam;

JISTIEDEN LIS-SEGRETARJAT TAN-NETWORK EWROPEW GĦALL-PREVENZJONI TAL-KRIMINALITÀ (EUCPN) BIEX:

4. Jipprovdi lir-rappreżentanti nazzjonali u lill-punti ta' kuntatt maħtura f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-EUCPN bl-appoġġ meħtieġ biex iwettqu l-kompiti tagħhom kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill;
5. Jiffoka u jallinja l-azzjonijiet tiegħu mal-prijoritajiet u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri, filwaqt li jqis il-valutazzjonijiet tat-theddid rilevanti fil-livell nazzjonali kif ukoll l-iżviluppi fil-livell tal-UE;
6. Japprofondixxi l-bażi ta' evidenza għall-miżuri ta' prevenzjoni tal-kriminalità, billi jivvaluta l-effettività u l-impatt tal-miżuri ta' prevenzjoni rilevanti u jappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni tal-kriminalità ttestjati u effettivi;
7. Japprofondixxi r-relazzjonijiet ta' ħidma fi ħdan l-EMPACT - b'mod partikolari mal-muturi tal-EMPACT u l-aġenziji tal-UE biex jikkontribwixxu b'mod attiv għall-inkorporazzjoni tal-prevenzjoni tal-kriminalità (inkluż bħala koordinatur tal-Għanijiet Strateġiċi Orizzontali Komuni (CHSG) 7 u 9);
8. Jiffaċilita l-koordinazzjoni u l-komunikazzjoni regolari ta' esperti ddedikati għall-prevenzjoni mid-dinja akkademika, is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali, permezz tar-Rappreżentanti Nazzjonali għall-EUCPN u r-rappreżentanti nazzjonali fl-ENAA, sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-għarfien, l-aħjar prattiki u l-għarfien espert bejn l-Istati Membri għall-prevenzjoni u l-ġlieda effettivi kontra l-kriminalità.
9. Jimplimenta programm ta' taħriġ li jindirizza l-ħtiġijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Istati Membri biex jipprevjenu u jindirizzaw il-kriminalità b'mod effettiv; il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-miżuri implimentati u l-importanza tal-iżvilupp ta' miżuri ta' prevenzjoni fost il-pubbliku, b'mod partikolari ż-żgħażaġħ.

¹³ Bħall-Forum Ewropew għas-Sigurtà Urbana (EFUS).

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:

10. Issaħħaħ il-pilastru tal-prevenzjoni tal-istrateġija tal-UE kontra l-kriminalità organizzata meta timplimenta l-istrateġija eżistenti u meta tirrevedi l-istrateġija fil-futur sabiex tiżviluppa strateġija komprensiva tal-UE għall-prevenzjoni tal-kriminalità.
11. Tiżgura l-fondi meħtieġa għall-appoġġ u t-tisħiħ tal-funzjoni tal-EUCPN u l-ENAA bħala ċentru għall-prevenzjoni tal-kriminalità Ewropea, kapaċi li jagħti pariri u jappoġġa lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE u lill-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità;
12. Tikkunsidra u tesplora soluzzjoni fit-tul għas-Segretarjat tal-EUCPN biex jiżgura s-sostenibbiltà u l-istabbiltà tiegħu, inkluż l-iżvilupp tiegħu bħala Osservatorju għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità (OPC) u testendi l-kapaċitajiet tiegħu għal:
 - a) il-ġbir, l-analiżi u t-tixrid tal-għarfien dwar il-kriminalità (inkluż l-istatistika) u l-prevenzjoni tal-kriminalità fir-rigward ta' oqsma ta' politika speċifiċi fl-Istati Membri differenti li jipprovdu stampa ġenerali tal-miżuri ta' prevenzjoni tal-kriminalità fl-UE inkluż dwar xejriet emerġenti;
 - b) l-iżvilupp ta' sett komuni ta' indikaturi ewlenin tal-prevenzjoni tal-kriminalità fil-livell tal-UE, appoġġat min-network ta' punti ta' kuntatt f'kull pajjiż għall-fini tal-ġbir ta' data;
 - c) l-għoti ta' pariri u appoġġ lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE fl-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri preventivi u l-iskambju ta' Prattiki tajba.
13. Tiffaċilita kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-EUCPN u l-ENAA kif ukoll organizzazzjonijiet rilevanti oħra, bħall-Forum Ewropew għas-Sigurtà Urbana (EFUS) u l-inizjattivi, il-proġetti u n-networks tal-UE, sabiex tgħaqqad l-għarfien u toħloq sinerġiji meta jiġu żviluppati u mxerrda l-għarfien u l-aħjar Prattiki;

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-AĠENZIJI TAL-ĠUSTIZZJA U L-AFFARIJJIET INTERNI BIEX:

14. Jikkunsidraw l-espansjoni tal-attivitajiet ta' taħriġ bl-għarfien miġbur mill-EUCPN u l-ENAA sabiex jadattaw it-taħriġ u l-istudji tal-każijiet għal gruppi multidixxiplinari ta' professjonisti li jaħdmu fil-prevenzjoni tal-kriminalità, bl-użu tal-kapaċitajiet tas-CEPOL;
15. Jikkunsidraw l-intensifikazzjoni tal-attivitajiet ta' taħriġ fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Għan Strateġiku Orizzontali Komuni 7 "il-prevenzjoni, is-sensibilizzazzjoni u t-tnaqqis tal-ħsara, l-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi u l-assistenza għalihom" u l-Għan Strateġiku Orizzontali Komuni 9 "approċċ amministrattiv", ta' strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni għall-prevenzjoni tal-kriminalità, filwaqt li jiddependu fost l-oħrajn fuq is-CEPOL u l-EUCPN, l-ENAA kif ukoll fuq l-EMPACT.
16. Jeżaminaw il-possibbiltà li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tas-sħab barra l-komunità tal-Infurzar tal-Liġi sabiex jiżdied l-aspett multidixxiplinari tal-EMPACT, u b'hekk jissaħħu l-possibbiltajiet li jiġu implimentati diversi tipi ta' miżuri ta' prevenzjoni tal-kriminalità.

JAGĦTI STRUZZJONIJIET LILL-COSI, fi ħdan il-mandat tiegħu, biex jikkoordina, jappoġġa, jissorvelja, jimmonitorja u jivvaluta l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet skont dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill

JISTIEDEN LILL-PRESIDENZA biex tirrapporta lill-Kunsill, jew lil korp preparatorju adatt tal-Kunsill, dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet skont dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill filwaqt li tenfasizza wkoll il-lakuni li fadal.